



Brussell, 4 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8566/20

SOC 388
EMPL 306
SAN 183
EDUC 243
ECOFIN 472

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 8324/20	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Isfidi Demografiċi – it-Triq 'il Quddiem

1. Fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet kif meħmuż.
2. Il-Kumitat iddeċieda, barra minn hekk, li l-proċedura bil-miktub għandha tintuża għall-approvazzjoni tal-Konklużjonijiet.

Sfidi Demografiċi – It-Triq 'il Quddiem

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI li

1. L-Aġenda Strateġika 2019-2024 tistipula li jeħtieġ li tiġi mġedda l-bażi għal tkabbir sostenibbli u inklużiv fit-tul u li tissaħħaħ il-koeżjoni fl-UE. Dan jirrikjedi li tinkiseb konverġenza 'l fuq tal-ekonomiji tagħna u firxa ta' sfidi, inkluż bidla demografika, li għandhom jiġu indirizzati.
2. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jservi ta' gwida għal impjiegi effiċjenti u eżiti soċjali għal transizzjoni soċjalment ekwa u ġusta għan-newtralità klimatika, id-diġitalizzazzjoni u t-tibdil demografiku.
3. It-tifqigħa u t-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19 huma sfida globali mingħajr preċedent li ser ikollha impatt b'modi differenti fuq diversi setturi tas-soċjetajiet tagħna, l-ekonomiji, is-swieq tax-xogħol, is-sistemi tal-kura tas-saħħa u soċjali, il-baġits tal-familji u l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tagħna, li possibbilment tagħti lok għal sfidi demografiċi ġodda.
4. Bidliet fil-klima, fit-teknoloġija u fid-demografija jaffettwaw u jittrasformaw is-soċjetajiet u l-istil ta' ħajja tagħna.¹ Peress li l-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku inklużiv jeħtieġu kapital uman u soluzzjonijiet ġodda u innovattivi, jeħtieġ li t-tiġdid demografiku jkun appoġġat fl-Istati Membri kollha u jenħtieġ li jkollu l-istess priyorità bħan-newtralità klimatika u d-diġitalizzazzjoni fil-livell tal-UE. Jenħtieġ li jiġi antiċipat u rifless fl-inizjattivi futuri kollha tal-Kummissjoni b'mod orizzontali.

¹ Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024.

5. Il-mobbiltà intra-UE tal-forza tax-xogħol tinteraġixxi mat-tibdil demografiku, billi ttaffi l-pressjonijiet demografiċi f'xi reġjuni filwaqt li taggrava s-sitwazzjoni f'oħrajn. Il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema hija u jenħtiegħ li tibqa' waħda mil-libertajiet fundamentali tal-Unjoni. Filwaqt li ffaċilitat il-mobbiltà tal-ħaddiema intra-UE, din wasslet ukoll għal diversi fenomeni f'reġjuni differenti tal-Unjoni: l-eżodu ta' mħuħ, il-kisba ta' mħuħ, ir-riakkwist ta' mħuħ, iċ-ċirkolazzjoni ta' mħuħ u t-tnaqqis tal-popolazzjoni inġenerali. Huwa importanti li r-reġjuni li għadhom lura jiġu pprovduti b'kundizzjonijiet li jagħmluhom aktar vibranti u attraenti, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom.
6. Matul il-pandemija globali tal-Covid-19, jenħtiegħ li l-moviment liberu tal-ħaddiema jinżamm kompletament filwaqt li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha li għandhom l-għan li jipprevjenu t-tixrid tal-virus u jipproteġu d-drittijiet u s-saħħa tal-ħaddiema vulnerabbli.
7. Bejn l-2023 u l-2060, il-forza tax-xogħol Ewropea (ta' bejn l-20 u l-64 sena) imbassra li tonqos bi 8.2 % (madwar 19-il miljun ruħ). Dan it-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol mistenni li jipprovdi l-mezzi għall-pensjonijiet u s-servizzi tal-kura tas-saħħa għall-koorti ta' pensjonanti li qed tikber malajr, u din hija sfida għas-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet.² Sabiex jiġi sostnut it-tkabbir ekonomiku, huwa importanti li jsir investiment fil-ħiliet biex jiġi promoss it-tkabbir tal-produttività u biex tintuża l-forza tax-xogħol disponibbli b'mod sħiħ billi jiġu integrati n-nisa u l-gruppi li bħalissa huma sottorappreżentati, b'mod partikolari ż-żgħażaġħ, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll biex tiġi kkunsidrata, fejn jitqies xieraq, il-migrazzjoni legali biex jittaffa t-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali.

² Parlament Ewropew, analiżi fil-fond: "Demographic outlook for the European Union 2019" (Prospettiva demografika għall-Unjoni Ewropea 2019).

8. Ix-xejriet demografiċi fl-UE jindikaw b'mod ċar it-tixjiġ tal-popolazzjoni, b'rati ta' fertilità kultant b'mod sinifikanti taħt il-livell ta' sostituzzjoni ta' 2.1.³ Kważi wieħed minn kull ħamsa (19.7 %) tal-popolazzjoni totali tal-UE għandu aktar minn 65 sena, u din il-koorti mistennija tilħaq 28.5 % tal-popolazzjoni totali sal-2050.⁴ Dan jenfasizza żieda kostanti tal-proporzjon tad-dipendenza. Soċjetà li qed tixjieġ iġġib sfidi iżda wkoll opportunitajiet għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u għas-soċjetà kollha kemm hi. Jista' jkollha rwol importanti fil-ħolqien tal-impjiegi u l-attivitajiet ta' appoġġ f'firxa differenti ta' setturi. Hekk kif ngħixu hajtja itwal u aktar b'saħħitha grazzi għall-progress, fost oqsma oħra, il-mediċina u l-kura tas-saħħa pubblika, is-sigurtà soċjali u l-qerda tal-faqar, ser jitfaċċaw opportunitajiet ġodda fl-ekonomija tal-anzjani u dik tal-kura. Minbarra l-importanza ekonomika tagħha, l-"ekonomija tal-anzjani" jenħtieġ li titqies bħala sinjal ta' progress soċjali u kulturali u marbuta ma' identità pożittiva u soċjalment inklużiva għall-anzjani fl-Ewropa. Iż-żidiet fl-istennija tal-għomor u l-kwalità tal-ħajja għandhom jitqiesu bħala suċċess tal-mudell soċjali fi ħdan il-valuri fundamentali tal-UE. Għalhekk, l-ewwel objettiv rigward it-tixjiġ tan-nies huwa li wieħed jiffoka fuq politiki mmirati sew u l-provvista ta' sistema tal-kura tas-saħħa li tkun komprensiva u adattata skont l-età tul il-ħajja, b'mod partikolari fil-każ ta' persuni dipendenti.
9. L-anzjani huma ta' valur għas-soċjetà u għalhekk jenħtieġ li jipparteċipaw b'mod effettiv fis-soċjetà kemm jista' jkun u jgħixu hajtjithom b'dinjità u b'mod kemm jista' jkun indipendenti, inkluż dawk li għandhom diżabbiltà. Ix-xejriet demografiċi, inkluż il-popolazzjoni li qed tixjieġ malajr u l-istennija tal-għomor itwal, ifissru li l-ħtieġa għall-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri, il-kura fit-tul, kif ukoll il-persjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet, ser jiżdiedu fl-Ewropa. Din l-isfida jenħtieġ li titqies bħala opportunità biex jiġu żviluppati servizzi ġodda, impjiegi ġodda u forom ġodda ta' kooperazzjoni, u għall-iżvilupp soċjali. Teknoloġija tal-benesseri u diġitalizzazzjoni aċċessibbli jistgħu jgħinu biex jingħelbu dawn l-isfidi.

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Transizzjonijiet Ġusti", 14 ta' Jannar 2020.

⁴ "Ageing Europe, Looking at the lives of older people in the EU" (Tixjiġ tal-Ewropa, Ħarsa lejn il-ħajja ta' persuni akbar fl-età fl-UE), Edizzjoni tal-2019.

10. L-inklużjoni attiva taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà hija essenzjali. Iż-żgħażaġh jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli minħabba l-perijodu ta' transizzjoni f'ħajjithom li għaddejjin minnu, in-nuqqas ta' esperjenza professjonali jew saħansitra ħiliet bażiċi, edukazzjoni jew taħriġ inadegwat, kopertura limitata tal-protezzjoni soċjali, aċċess ristrett għal riżorsi finanzjarji u kondizzjonijiet prekarji ta' xogħol⁵.
11. It-trobbija tat-tfal hija impenn fit-tul, u sabiex il-politiki demografiċi jkunu effettivi, iridu jkunu affidabbli u dejjiema. L-investment f'edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja jista' jikkontribwixxi għal tiġdid demografiku u jkollu eżiti pożittivi sinifikanti, b'mod partikolari għal tfal żvantaġġati soċjoekonomikament, billi jgħin biex il-forza tax-xogħol futura ssir aktar reżiljenti fid-dawl tal-isfidi demografiċi, kif ukoll billi jinkisbu eżiti soċjali aħjar tul iċ-ċiklu tal-ħajja.
12. Il-miri ta' Barċellona fir-rigward tad-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' kura tat-tfal ta' kwalità għolja u affordabbli għal tfal preskolastiċi (90 % tat-tfal mill-età ta' tliet snin sal-età tal-iskola obligatorja u 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin li jipparteċipaw f'faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal) jenħtieġ li jkomplu jiġu segwiti fl-Istati Membri li għadhom lura sabiex tiġi żgurata konverġenza 'l fuq.
13. Jenħtieġ li jitfasslu politiki pubbliċi sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet, fost l-oħrajn l-ambjent ekonomiku, li jippermettu lill-individwi u l-familji li jkollhom it-tfal li jixtiequ u li jgawdu minn kwalità ta' ħajja aħjar, li jgħixu fis-sikurezza u li jiksbu bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u r-responsabbiltajiet ta' kura.
14. Id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata tal-2019 għandha l-għan li tikseb ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'dak li għandu x'jaqsam mal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol billi tiffaċilita r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-ħajja tal-familja u r-responsabbiltajiet ta' kura għall-ħaddiema li huma ġenituri jew persuni li jindukraw, u billi tippromwovi l-kondiviżjoni ekwa ta' dawn ir-responsabbiltajiet, kif imnaqqax ukoll fil-prinċipju 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

⁵ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ - 2013/C 120/01.

15. Minħabba l-urbanizzazzjoni, nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol, dħul baxx u servizzi inadegwati, ħafna żoni rurali u reġjuni insulari qed jaraw tnaqqis fil-popolazzjonijiet tagħhom, li jżid id-diskrepanza bejn iż-żoni urbani u daww rurali, li ssejjaħ għall-adozzjoni ta' strateġija integrata sabiex tagħti spinta lill-iżviluppsostenibbli ta' dawn ir-reġjuni abbażi tal-potenzjal speċifiku tagħhom.
16. It-titjib tal-konnessjonijiet tat-trasport u l-iżvilupp ulterjuri tat-trasport pubbliku jippermettu lin-nies jiċċaqalqu liberament, billi jindirizza l-lakuni fil-konnettività u għalhekk jagħti spinta lill-koeżjoni soċjali.
17. It-tibdil demografiku joffri opportunità biex is-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul jiġu adattati. It-tixjiħ attiv u b'saħħtu, appoġġat minn sistemi effiċjenti tal-kura tas-saħħa, mudelli tal-kura flessibbli, adegwati u mfassla apposta kif ukoll l-impjegabbiltà tal-popolazzjoni li qed tixjiħ huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-kura. Il-kopertura, l-aċċessibbiltà, l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà mtejba huma essenzjali għall-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali⁶ u għat-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom fir-rigward tal-kriżijiet tas-saħħa u tas-sistema soċjali bħall-pandemija globali tal-COVID-19.
18. L-UE bħalissa miexja lejn soċjetajiet li jgħixu aktar, b'fertilità aktar baxxa u b'edukazzjoni aħjar. Stampa komprensiva, preċiża u bbażata fuq l-evidenza tas-sitwazzjoni attwali u l-projezzjonijiet futuri tista' tinkiseb billi tiġi eżaminata data dwar il-migrazzjoni, il-fertilità u l-mortalità⁷, flimkien mal-kisba tal-edukazzjoni u l-livelli reali tal-ħiliet, ir-rati ta' parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol u indikaturi soċjodemografiċi oħra. It-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza jirrikjedi data valida, rilevanti u f'waqtha, diżaggregata skont is-sess u l-età. Data aġġornata kontinwament dwar proċessi demografiċi u dwar fatturi li jinfluwenzawhom, kif ukoll dwar il-ħtiġijiet u l-preferenzi speċifiċi tan-nisa u l-irġiel ta' kull grupp ta' età, tikkostitwixxi għodda essenzjali għall-formulazzjoni ta' politiki demografiċi u l-evalwazzjoni tar-riżultati tagħhom.
19. Fit-tfassil ta' politiki demografiċi, huma meħtieġa b'mod qawwi l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni transettorjali bejn is-servizzi soċjali, tal-familja, tas-saħħa, tal-impjiegi, tal-edukazzjoni u tal-kura, inkluż is-setturi ekonomiċi kollha, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ekonomiċi ta' kull Stat Membru.

⁶ Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi - 6346/20.

⁷ <https://ec.europa.eu/eurostat/web/population/overview>

20. Lè-ċavetta għas-suċċess tinsab fil-livelli kollha ta' koordinazzjoni u kollaborazzjoni fost il-gvernijiet: nazzjonali, reġjonali u lokali, flimkien mal-involvement tas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, li jikkooperaw fil-livelli kollha biex dan jirnexxi.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

21. L-opinjoni esploratorja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-isfidi demografiċi fl-UE fid-dawl tal-inugwaljanzi ekonomiċi u tal-iżvilupp" tenfasizza li l-edukazzjoni, il-kura u l-assistenza ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli (għat-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u l-anzjani) huma kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi u jiġi appoġġat it-tkabbir tal-popolazzjoni.⁸
22. Il-messaġġ imwassal fil-qafas tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv (2012), li s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet tista' tiflaħ għat-test tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, għadu pertinenti.
23. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri (2019) jenfasizzaw diversi elementi ewlenin għar-reżiljenza tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna u l-prosperità futura tagħhom, inkluż edukazzjoni u taħriġ aċċessibbli u ta' kwalità għolja, kif ukoll edukazzjoni tul il-ħajja, politiki tal-ħajja tax-xogħol ġusti, sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u sostenibbli, aċċess għas-servizzi, id-diġitalizzazzjoni u żviluppi teknoloġiċi oħra,

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JISTIEDEN lill-Istati Membri biex:

24. JIŻVILUPPAW u JAĠĠORNAW qafas għall-politiki demografiċi li jinvolvu s-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, skont il-kompetenzi tagħhom;

⁸ <https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/demographic-challenges-eu-light-economic-and-development-inequalities-exploratory-opinion-request-croatian-presidency>).

25. JINDIRIZZAW id-diskrepanzi attwali u futuri bejn il-provvista u d-domanda tax-xogħol, peress li t-trasformazzjoni diġitali, il-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku qed isawru d-domandi tas-suq tax-xogħol permezz tal-ħolqien u l-qerda tal-impjiegi, kif ukoll billi jbiddu n-natura tal-okkupazzjonijiet eżistenti, b'kont meħud tal-impatt tat-tibdil demografiku fuq il-proċessi tas-suq tax-xogħol sabiex jinħasdu l-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali u l-globalizzazzjoni għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjiegi fir-reġjuni kollha;
26. JINKORAĠĠIXXU t-titjib tal-livelli tal-ħiliet, permezz ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità affordabbli, aċċessibbli u inklużivi kif ukoll permezz ta' edukazzjoni tul il-ħajja, inklużi ħiliet diġitali, biex jgħinu jżidu l-aċċess għas-suq tax-xogħol u jsostnu t-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u s-sodisfazzjon personali, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel;
27. JINKORAĠĠIXXU u JIPPROMWOVU l-kisba ta' ħiliet fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), jimmotivaw liż-żgħażaġh, speċjalment in-nisa żgħażaġh, biex jaqdbu karrieri STEM, l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali li jistgħu jgħinu lill-UE tindirizza l-isfidi demografiċi u jistgħu jtejbju l-produttività u jsostnu t-tkabbir ekonomiku fid-dawl ta' popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos, filwaqt li joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja li jattiraw it-talent;
28. JISSENSIBILIZZAW dwar l-importanza li jiġu inklużi n-nisa u l-gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, il-ħaddiema anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, billi tittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-etajiet u l-gruppi kollha sabiex tgħin fil-mitigazzjoni tal-effetti ta' tixjiħ demografiku fuq is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u biex tiġi promossa l-ugwaljanza;
29. JIMPLIMENTAW politiki soċjali u tax-xogħol inklużivi, ibbażati fuq opportunitajiet indaqs, u b'mod partikolari politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, billi jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, arranġamenti tax-xogħol flessibbli kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, il-forniment ta' servizzi ta' kwalità għolja għall-indukrar tat-tfal u servizzi ta' kura fit-tul aċċessibbli u affordabbli, kif ukoll il-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet domestiċi u tal-indukrar bejn in-nisa u l-irġiel, biex il-ġenituri jew il-persuni b'responsabbiltajiet ta' indukrar ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-forza tax-xogħol u fis-soċjetà;

30. JAGĦMLU PROGRESS lejn l-implimentazzjoni u l-iżgurar tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali għan-nisa u l-irġiel sabiex jiġu eliminati d-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, il-pagi u l-pensjonijiet;
31. JINKORAĠĠIXXU l-investment fit-tfal bħala l-forma ta' investment soċjali li fil-futur iħallas l-ogħla redditu. Dan jinkludi sforzi biex jinkiser iċ-ċiklu tal-faqar minn ġenerazzjoni għall-oħra billi jintużaw investimenti mmirati biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal;
32. JIPROMWOVU u JENFASIZZAW politiki adegwati u koordinati li jipprovdu tipi differenti ta' appoġġ finanzjarju u appoġġ ieħor għall-familji, b'mod partikolari għal dawk li qed jrabbru t-tfal (eż. liv imħallas, allowances tat-tfal, sistemi tat-taxxa u ta' benefiċċju xierqa, soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni sussidjata u appoġġ għall-istudenti), inkluż soluzzjonijiet innovattivi;
33. JENFASIZZAW l-importanza tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, JIPROMWOVU t-tixjiħ attiv u b'saħħtu u JASSIGURAW aċċess għall-appoġġ neċessarju għall-popolazzjoni li qed tixjeh u l-familji tagħhom, inkluż l-adattabbiltà tal-ispazji tal-għajxien, is-saħħa elettronika u l-intelliġenza artifiċjali, minħabba l-impatt tagħhom fuq l-indirizzar tal-isfidi tat-tixjiħ u t-telf tal-awtonomija;
34. ISAĦĦU s-sensibilizzazzjoni fi ħdan il-popolazzjoni tad-drittijiet ta' persuni anzjani għal haġja awtonoma, dinjituża u awtodeterminata, u d-dritt għall-parteciċipazzjoni soċjali, anke fi żminijiet ta' kriżi bħall-pandemija globali attwali tal-COVID-19, il-promozzjoni ta' tixjiħ attiv u b'saħħtu, l-investment fil-protezzjoni soċjali u li tingħata attenzjoni f'kull rigward għat-trattament pożittiv tal-anzjani;
35. IRAWMU d-drittijiet tal-anzjani b'diżabbiltà, filwaqt li jiżguraw kondizzjonijiet tal-għajxien deċenti u parteciċipazzjoni sħiħa fil-ħajja tal-komunità u JESPLORAW il-kompatibbiltà bejn il-pensjonijiet tad-diżabbiltà u l-pensjonijiet tal-irtirar;
36. JINDIRIZZAW l-isfidi u JIEĦDU VANTAĠĠ mill-opportunitajiet li jirriżultaw minn domanda dejjem tikber għall-kura fit-tul minħabba t-tixjiħ u JESPLORAW kif id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija tal-benesseri jistgħu jiġu integrati aħjar f'servizzi ta' kura biex jittejbu l-aċċessibbiltà u l-ġħoti ta' servizzi;

37. JIDDETERMINAW żoni u reġjuni li jista' jkollhom bżonn ta' intervent f'termini ta' aċċessibbiltà għat-trasport, peress li n-nuqqas ta' aċċess għat-trasport ifisser ħafna każijiet ta' nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kultura, is-swieq tax-xogħol jew is-servizzi tal-kura tas-saħħa;
38. JIŻGURAW, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali, aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema kollha, irrispettivament mit-tip tar-relazzjoni ta' impjieg u t-tul ta' żmien tagħha u skont kondizzjonijiet komparabbli, għal min jaħdem għal rasu⁹¹⁰;
39. JIKKUNSIDRAW, fejn jitqies xieraq, il-migrazzjoni legali sabiex jittaffa t-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali;

JISTIEDNU lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud ta' ċirkostanzi nazzjonali u waqt li jkunu rrispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

40. JIPROMWOVU l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala pass meħtieġ lejn opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti, kif ukoll protezzjoni u inklużjoni soċjali;
41. JIMPLIMENTAW interventi ta' politika bbażati fuq l-evidenza u effettivi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni biex jindirizzaw sfidi komuni li jirriżultaw mit-tibdil demografiku, inkluż id-disponibbiltà ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja u s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;
42. JINDIRIZZAW l-iżbilanċi fil-mobbiltà intra-UE sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jinbidel l-eżodu ta' mħuħ f'ċirkolazzjoni ta' mħuħ jew lejn kisba ta' mħuħ u TKOMPLI L-ĦIDMA FUQ it-titjib tal-ħiliet kontinwu u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, filwaqt li titqies in-natura dinamika tas-suq tax-xogħol u t-trasformazzjoni ambjentali, teknoloġika u demografika sabiex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali, id-depopolazzjoni rurali u l-isfidi urbani;

⁹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01).

¹⁰ Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

43. ITEJBU l-bażi tal-għarfien u l-fehim tal-importanza tal-"ekonomija tal-anzjani" u JISSENSIBILIZZAW dwarha u dwar l-opportunitajiet tal-impatt ġenerali pożittiv tagħha li jenħtieġ li jkunu bbażati fuq bilanċ bejn il-ħtiġijiet ekonomiċi u dawk umani;
44. JISTIMULAW soluzzjonijiet innovattivi li jiffaċilitaw u jagħtu valur miżjud lill-parteeċipazzjoni tal-anzjani fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol skont il-kapaċitajiet u l-inklinazzjonijiet tagħhom, u li jinkoraġġixxu u jappoġġaw tixjiħ b'saħħtu u attiv fil-politiki kollha u JIPROMWOVU d-drittijiet ta' persuni anzjani b'diżabbiltà;
45. IŻIDU l-aċċessibbiltà għal servizzi affordabbli, ta' kwalità għolja u, fejn xieraq, servizzi integrati soċjali, tal-familja, tas-saħħa, tal-impjieg, tal-edukazzjoni, tal-akkomodazzjoni, tal-kura u tat-trasport, li jistgħu jkunu fatturi importanti biex titnaqqas id-diskrepanza bejn iż-żoni urbani u dawk rurali;
46. ISAĦĦU l-kapaċità li jiġu mitigati sfidi demografiċi ġodda possibbli li jirriżultaw mit-tifqigħa tal-pandemija globali tal-COVID-19 u JIŻGURAW ir-reżiljenza tas-soċjetà;
47. JAGĦTU SEGWITU għall-progress tal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Irkupru lejn Ewropa aktar reżiljenti, sostenibbli u ġusta,¹¹ immirat lejn strateġija koordinata u inklużiva biex tingħeleb il-fażi attwali tal-pandemija globali tal-COVID-19, u JSAĦĦU l-koordinazzjoni ta' strateġiji ekonomiċi, sabiex jinkisbu l-irkupru tal-attivitajiet tal-produzzjoni u l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea biex:

48. TKOMPLI TIŻVILUPPA bażi komuni u riżorsa interattiva fl-UE kollha biex tinkiseb data f'waqtha, konsistenti, affidabbli, komparabbli u aċċessibbli, diżaggregata skont is-sess u l-età, biex jiġu indirizzati l-iżviluppi demografiċi, u TAPPOĠĠA politiki nazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi, b'kont meħud tal-projezzjonijiet demografiċi u l-impatti identifikati tat-tibdil demografiku fuq is-soċjetà Ewropea, speċjalment importanti fid-dawl tal-irkupru mill-COVID-19;

¹¹ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication_-_a_european_roadmap_to_lifting_coronavirus_containment_measures_0.pdf

49. TELABORA, fejn rilevanti, strateġija xierqa u differenzjata, inkluż finanzjament Ewropew immirat possibbli, għall-Istati Membri, iż-żoni rurali, il-gżejjer u reġjuni oħra tagħhom li huma l-aktar affettwati b'mod akut mit-tnaqqis fil-popolazzjoni, speċjalment fejn din hija konsegwenza ta' opportunitajiet ta' xogħol, servizzi jew konnessjonijiet ta' trasport insuffiċjenti, speċifikament imfassla biex jattiraw in-nies lejn dawn ir-reġjuni;
50. TIŻGURA li l-proposti u l-inizjattivi ta' politika kollha jkunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet komprensivi tal-impatt demografiċi u territorjali, imwettqa b'mod parallel ma' valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiċi, ambjentali u soċjali, bl-objettiv li r-reġjuni li waqgħu lura jsiru aktar vibranti u attraenti, u b'hekk jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u territorjali tal-Unjoni;
51. TNIEDI riflessjoni komprensiva dwar it-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-implikazzjonijiet sħaħ tagħha, inkluż l-effetti fit-tul tagħha fuq l-ekonomija u s-soċjetà tal-UE, segwita minn inizjattivi konkreti, b'kont dovut għall-kompetenzi tal-Istati Membri, bl-objettiv li din l-isfida tinbidel f'opportunitajiet ġodda u b'hekk bl-għan li tiżgura, fl-aħħar mill-aħħar, tkabbir ekonomiku u sistemi ta' protezzjoni soċjali inklużivi u sostenibbli;
52. TIPPROPONI strateġija ta' kura fit-tul u distinta bil-għan li żżid il-parteciċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol sabiex jinżamm it-tkabbir ekonomiku inklużiv u nondiskriminatorju u jitnaqqsu r-riskji u l-pressjonijiet fuq il-finanzi pubbliċi u n-nefqa soċjali marbuta b'mod aktar ġenerali mat-tixjiħ tal-popolazzjoni, filwaqt li jitqies il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja;
53. TOĦROĠ b'mod f'waqtu proposta għal Garanzija Ewropea għat-Tfal;
54. TISSUĠĠERIXXI li l-2023 tingħażel bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal;
55. TIŻGURA li l-investimenti permezz ta' fondi tal-UE jagħmlu kontribut tanġibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi fil-livelli nazzjonali u reġjonali, b'kont meħud tal-mobbiltà intra-UE, permezz tal-identifikazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi li jimmitigaw l-impatti l-aktar akuti tax-xejriet demografiċi u l-ħolqien ta' mezzi għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki sabiex il-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin;

56. TIŻGURA li l-isfidi demografiċi jitqiesu b'mod xieraq fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq l-ekonomija u fuq is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, b'kont meħud tal-kuntesti partikolari preżenti f'kull Stat Membru;

JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex:

57. JISTINKAW biex jiżviluppaw settijiet adegwati ta' indikaturi demografiċi, diżaggregati skont is-sess u l-età, minn dawk li qed jintużaw b'ħalissa, u JIŻVILUPPAW settijiet ġodda fejn meħtieġ, b'referenza għas-suq tax-xogħol u l-koeżjoni soċjoekonomika u f'kooperazzjoni, fejn applikabbli, mal-korpi preparatorji rilevanti l-oħra tal-Kunsill b'kompetenza b'mod partikolari fil-qasam tal-ekonomija u l-finanzi;
58. JINKORAĠĠIXXU l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi, b'referenza għas-suq tax-xogħol u l-koeżjoni soċjoekonomika;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex:

59. IWETTQU studju dwar l-impatt tal-iżviluppi demografiċi dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet u l-kura fit-tul.